



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

---

**2013/2239(DEC)**

21.2.2014

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tat-  
Titoli u s-Swieq għas-sena finanzjarja 2012  
(C7-0327/2013 - 2013/2239(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Antolín Sánchez Presedo

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-Parlament Ewropew kien mutur fundamentali fit-twaqqif tal-ESMA, u li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) għadhom fil-fażi ta' stabbiliment u għaldaqstant jikkunsidra li għad fadal bżonn ta' koordinament aħjar fil-livell Ewropew;
2. Jemmen li r-rwol tal-Awtorità fil-promozzjoni ta' swieq finanzjarji stabbli u sikuri, fl-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u fil-ksib ta' operazzjoni sikura tas-suq tal-ekwitajiet Ewropew huwa essenzjali għall-irkupru ekonomiku u għall-ħolqien ta' impjiegi u tkabbir sostenibbli fl-Ewropa;
3. Jirrikonoxxi li, fl-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw sewwa, f'kull aspekk materjali tagħhom, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2012, u li l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma legali u regolari f'kull aspekk materjali;
4. Jilqa' l-fatt li, sa Settembru 2013, kienu ġew finalizzati tliet azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'segwitu għall-kummenti tal-Qorti tal-Awdituri fl-2011, u jfakkar li dan il-proċess irid jitlesta kompletament, inkluża l-kanċellazzjoni ssuġġerita tar-riporti, it-trasparenza tal-proċeduri tal-għażla u l-inadegwatezzi tal-ippjanar baġitarju;
5. Jinnota li għadhom għaddejnin, u definittivament għadhom meħtieġa, l-azzjonijiet korrettivi rigward l-ippjanar u l-implimentazzjoni baġitarji, il-ġestjoni tal-assi fissi u t-trasparenza tal-proċessi ta' reklutaġġ;
6. Jindika li għandha tiġi ffinalizzata l-validazzjoni tas-sistemi tal-kontabilità, għandha titlesta l-implimentazzjoni sħiħa tal-istandards ta' kontroll, għandu jittejjeb l-iżvilupp, bla intoppi, tal-proġetti informatiċi, u jridu jittejjbu l-proċeduri u l-ħeffa tal-akkwist;
7. Jisħaq fuq il-fatt li l-kompiti addizzjonali fdati f'idejn l-ESMA, kif ukoll il-kompiti futuri previsti fil-proposti leġislattivi li għad irid jintlaħaq qbil dwarhom, se jirrikjedu żidiet fil-baġit u riżorsi umani ġodda biex l-ESMA tkun tista' taqdi b'mod sodisfaċenti r-rwol superviżorju tagħha; jikkunsidra li dan hu estremament importanti, peress li hu probabbli li l-kompiti tal-awtoritajiet superviżorji jkomplu jikbru u jinnota li ż-żidiet eventwali fir-riżorsi umani għandhom jiġu ppreċeduti jew akkumpanjati fejn ikun possibbli bi sforzi ta' razjonalizzazzjoni, bħar-riallokazzjoni, biex jinkiseb titjib fl-effiċjenza;
8. Jikkonkludi li l-arranġamenti attwali għall-finanzjament tal-ESMA abbażi ta' sistema ta' finanzjament imħallat mhumiex flessibbli, joħolqu piżijiet amministrattivi u jistgħu jikkawżaw theddida għall-indipendenza tagħha, u għalhekk jirrakkomanda u jappella lill-Kummissjoni biex toħloq linja baġitarja indipendenti ffinanzjata mill-baġit tal-UE u tikkunsidra li tintroduċi miżati mill-parteċipanti fis-suq matul ir-rieżami tar-

regolament tagħha .

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.2.2014
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 -: 0 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marino Baldini, Jean-Paul Basset, Sharon Bowles, George Sabin Cutaş, Rachida Dati, Leonardo Domenici, Diogo Feio, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Liem Hoang Ngoc, Jürgen Klute, Alfredo Pallone, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Theodor Dumitru Stolojan, Corien Wortmann-Kool, Pablo Zalba Bidegain
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Fabrizio Bertot, Bas Eickhout, Sari Essayah, Ashley Fox, Sophia in 't Veld, Olle Ludvigsson, Thomas Mann
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen